MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 406/2010/1

**Cedric Caruana**

**v.**

**Nicolette Mifsud u Dr. Cedric Mifsud u**
**l-Prokuratur Legali Gerald Bonello**
**u li b'digriet tal-31 ta' Jannar 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi**
**tat-tfal minuri Martina u Francesca Caruana**

Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur Cedric Caruana li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata fis-07 ta' Dicembru 2001 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, (*twins*), Martina u Francesca, li llum ghandhom hdax-il sena, u li ghalhekk ghadhom minorenni – kopja tac-certifikat tat-twelid tal-istess minuri qed jigu hawn annessi u markati bhala Dokument "A" u "B".

"2. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fit-12 ta' Dicembru 2002, fl-atti tan-nutar Dottor Rachel Mallia, li kopja tieghu

tinsab hawn esibita u markata bhala Dokument “C”, fejn kondizzjonijiet ohra, il-partijiet ftehmu li l-kura u l-kustodja tat-tfal giet fdata lill-intimata bi granet u hinijiet fissi ta’ access lir-rikorrenti missierhom, u aktar precizament matul is-sena skolastika, nhar ta’ Tnejn mill-05.30p.m. sas-07.00p.m. u nhar ta’ Gimgha mis-06.00p.m. sas-Sibt fis-06.00p.m.

“3. Illi sussegwentement ghal dan il-kuntratt ta’ separazzjoni l-partijiet dahlu fil-kuntratt tat-12 ta’ Frar 2003 fl-atti tal-istess Nutar li permezz tieghu emendaw xi klawsoli mill-kuntratt ta’ separazzjoni u senjatament il-klawsoli enumerati tmienja (8), disgha (9), hdax (11) u tnax (12) u altrimenti irratifikaw il-kontenut tal-bqija tal-kondizzjonijiet originali.

“4. Illi sussegwentement ghall-publikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali, il-partijiet kienu dahlu f’kawza (Citt Nru 201/04/RCP) li giet deciza fis-16 ta’ Marzu 2005, li permezz taghha il-Qorti biddlet it-termini tal-kuntratt fis-sens illi ordnat li “*l-attur jibda jkollu access ghall-ulied minuri fil-hinijiet segwenti u f’dan is-sens tvarja l-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt imsemmi b’dan illi tordna li l-istess attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri matul il-gimgha l-access tieghu ghandu jkun kull nhar ta’ Tlieta u l-Erbgha mill-05.30p.m. sas-07.00p.m. Fil-week-ends, b’mod alternattiv, darba l-Gimgha mis-06.00p.m. sas-Sibt fis-06.00p.m. u l-gimgha ta’ wara mis-Sibt fil-05.00p.m. sal-Hadd fil-05.00pm……*

”5. Illi sussegwentement ghas-separazzjoni personali, iz-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null kemm permezz tat-Tribunal tal-Curia Arciveskovili fid-09 ta’ Gunju 2008 (Kopja tas-sentenza qed tigi markata Dok “D”) kif ukoll permezz tal-qrati civili u fil-fatt il-partijiet illum jinsabu mizzewgin rispettivament ma’ haddiehor/ Mit-tieni zwieg taghha l-intimata ghandha zewgt itfal, filwaqt li r-rikorrenti ma ghandux tfal.

“6. Illi fl-imsemmija sentenza tal-Curia Arciveskovili insibu illi “*As to her character, she describes herself as a spendthrift, proud and the kind of person who found it hard to say sorry, hard-headed and jealous*”. Illi, kif sejjer jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, dawn il-karatteristici koroh tal-karattru taghha, l-intimata ghadha ggorrhom f’hajjitha, billi anke fir-relazzjoni taghha ma’ ulied il-kontendenti hija ghadha ggib ruhha bl-istess mod u cioe` tippretendi li dejjem ghandha ragun u ma taf qatt titlob skuza ma’ uliedha, tghir ghalihom kontinwament f’dak kollu li jaghmlu u tahseb li hi biss ghandha ragun f’kull ma tghid u f’kull ma taghmel.

“7. Illi nonostante dan kollu, ghall-perijodu ta’ aktar minn tlettax-il xahar, l-intimata qablet li t-tfal taghhom jghixu, kif attwalment ghamlu, permanentement mar-rikorrenti bl-intiza li allura huwa jhallas, kif attwalment hallas, ghall-bzonnijiet kollha ta’ uliedu, fosthom anke ghall-mezati tal-iskola u ma baqax ihallas ghall-manteniment taghhom lill-intimata, ghax it-tfal ma kienux qed jghixu maghha. F’daqqa wahda, minghajr ebda raguni ta’ xejn, fit-23 ta’ Settembru 2010, l-intimata

qabdet u infurmat lir-rikorrenti li hija ser izzomm lit-tfal jghixu maghha b'mod permanenti u ghalhekk riedet, u hekk ghamlet, li tirriverti lura ghall-istat legali ta' dak li jistipula il-kuntratt notarili, kif emendat bl-effetti tal-imsemmija sentenza.

"8. Illi dan it-tibdil mhux biss sar kontra r-rapprezentazzjonijiet tar-rikorrenti, stante li ma qanqal ebda tilwim mal-intimata li setghet sprunatha biex taghmel decizjoni kapovolgenti bhal dik li ghamlet, izda sar ukoll kontra l-volonta` espressa tal-istess ulied, li kienu kuntenti li qed jghixu ma' missierhom, ir-rikorrenti.

"9. Illi minkejja kull appell da parti tar-rikorrenti lill-intimata biex tbiddel fehmitha, din baqghet adamanti fil-fehma taghha, u qalet lir-rikorrenti li tista' biss tikkonsidra bidla fil-fehma taghha, jekk thallas is-somma ta' €10,000.

"10. Illi r-rikorrenti kien propens li jhallas din is-somma purche` illi l-intimata tiffirma kuntratt notarili li minnu jirrizulta li hija ma jergax jibdielha u cioe` li hija tiddikjara li tkun taqbel li t-tfal jghixu ma' missierhom, b'kull dritt li tarahom u tohodhom maghha, izda l-intimata rrifjutat li taghmel dan u taccetta li tiffirma l-imsemmi kuntratt notarili.

"11. Illi r-rikorrenti intavola l-proceduri ta' medjazzjoni appositi quddiem dawn il-Qrati izda l-intimata ma attendietx ghall-ebda wahda miz-zewg seduti mizmuma apposta quddiem il-medjatur u ghalhekk din il-Qorti, fit-22 ta' Novembru 2010 awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jipprocedi b'kawza ad hoc u dan fit-termini imposti mil-ligi.

"12. Illi fil-proceduri precedenti quddiem dawn il-qrati (Numru 774/09), fir-Rapport tal-Agenzija Appogg tas-26 ta' Awwissu 2009 hemm miktub hekk: "(il-partijiet) *avzaw lill-haddiema socjali li huma se jaghmlu arrangament bejniethom quddiem l-avukati taghhom u l-kura u l-kustodja tal-minuri se tghaddi minghand Nicolette Mifsud ghal ghand Cedric Caruana u l-minuri ser imorru jghixu ma' missierhom"*. Illi kif gia` inghad il-fatt svolgew skont kif kien gie redatt u t-tfal marru jghixu ma' missierhom, fejn kienu kuntenti u mahbuba. Illi nonostante dan, fil-fatt, l-intimata fit-23 ta' Settembru 2010, deherilha li ma ghandhiex tibqa' tonora dak li kien miftiehem bonarjament bejn il-partijiet u minnhom volontarjament attwat ghal perijodu ta' aktar minn sena.

"13. Illi fil-perijodu li l-istess tfal kienu ma' missierhom, huma marru tajjeb hafna fl-iskola. Tant marru tajjeb illi l-istess *social worker* tat-tfal fl-iskola jhossu li huwa fl-interess tat-tfal li huma jmorru ghixu ma' missierhom. Mhux biss izda skont ma jirrizulta mic-certifikat tal-iskola (St. Martin's College), b'ghalliema differenti, kemm damu jghixu ma' missierhom, il-minuri ghamlu progress qawwi u tant tajjeb li l-*headmistress* nizzlet, fir-rapport annwali taghhom is-segwenti kumment "*a definite improvement from last year's results* (meta allura kienu qed jghixu ma' ommhom). *I am very proud of your effort. Keep this up*".

"14. Illi jekk qatt kellu bzonn ta' certifikat ghal mod kif kien qed jiehu hsieb lit-tfal u kif kien qed jedukahom u kemm, fil-fatt, it-tfal kienu kuntenti mieghu, certament li dan ir-rapport tal-iskola u l-parir tas-*social worker* jissufragawh u kwalsiasi kumment iehor ikun offiza ghall-intelligenza tal-Qorti.

"15. Illi minn dak in-nhar li l-intimata hadet lil uliedha jghixu maghha f'Settembru 2010 sallum hija kellha diversi incidenti mal-istess tfal, hija habtet ghalihom diversi drabi, sawwtithom fizikament u weggaghthom f'tali grad li kellhom isiru almenu zewg rapporti fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan. Bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, l-intimata ghaddiet lil uliedha minn ezami mediku umiljanti ghall-eta` taghhom u kompletament inutli biex kellha s-sodisfazzjon ta' konferma li uliedha ghadhom vergni. Hija tahqarhom ukoll psikologikament.

"16. Illi huwa certament fl-ahjar interess tat-tfal minuri li dawn jergghu jmorru jghixu permanentement ma' missierhom u li ma jibqghux jghixu, kif presentement qeghdin jaghmlu, ma' ommhom, kif del resto hija wkoll ix-xewqa tal-istess tfal.

"17. Tghid ghalhekkk l-istess intimata ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tiddikkjara u tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri Francesca u Martina illi huma imorru jghixu permanentement ma' missierhom ir-rikorrenti [2] illi konsegwentement tordna illi jkun hemm varjazzjoni ulterjuri fil-klawsola relattiva tal-kuntratt ta' separazzjoni u senjatament dik bin-numru sebgha (7) tal-ewwel kuntratt fis-sens illi t-tfal imorru jghixu permanentement mar-rikorrenti, b'dati u hinijiet fissi stabbiliti minn din il-Qorti meta ghandhom imorru jaraw lill-intimata ommhom, [3] illi konsegwentement illi jkun hemm ukoll bdil fit-temini tal-kundizzjonijiet enumerati tmienja (8) u disgha (9), skont kif tordna din l-istess Qorti, [4] illi jkun hemm it-thassir tal-kundizzjonijiet enumerati ghaxra (10) u hdax (11) u dan billi ma jkunx ghad hemm ebda manteniment x'jithallas lill-intimata u kull spiza relattiva ghall-edukazzjoni tal-istess tfal issir responsabbilita` esklussiva tar-rikorrenti, [5] illi jkun hemm it-thassir tal-kundizzjoni enumerata tlettax (13), [6] tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni relattiv ghall-kuntratt tat-12 ta' Dicembru 2002, kif sussegwentement emendat bl-effetti tal-kuntratt korrettorju u tal-imsemmijia sentenza, dejjem skont kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedenti [7] tinnomina kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci u [8] tappunta data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimati li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

"1. Illi l-ewwel talba tal-attur għall-affidament tal-kustodja tal-minuri Francesca u Martina għandha tiġi respinta għas-segwenti motivi:

i. Illi ma huwiex assolutament fl-interess tal-minuri illi huma jitrabbew ma' missierhom għal motivi illi dwarhom l-eċċipjenti sejra telabora fid-dikjarazzjoni u fil-kontro-talba tagħha. Anzi proprju l-kuntrarju huwa l-kaz. Fil-fatt, nonostante l-istrapazz kbir psikologiku u finanzjarju għall-eċċipjenti, suprem tal-minuri illi r-rapport tagħhom ma' missierhom ikun strettament kontrollat u mħares.

ii) Illi l-impostazzjoni tat-talba għall-kustodja mill-attur fil-kawża odjerna tiegħu bħala ordni "illi l-minuri jmorru jgħixu permanentement mal-attur" ma hiex sostenibbli billi l-arrangamenti, ossia l-ordnijiet dwar minuri, jingħataw "*sic rebus stantibus*" u jiġi varjat minn żmien għal żmien skond kif dettat mill-interess tal-minuri.

"2. Illi t-tieni talba ma hiex neċessarja, anzi hija għal kollox superfluwa u insostenibbli, billi ma hemmx lok illi jiġi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti sabiex tingħata forza jew titolu eżekuttiv lil sentenza tal-Qorti, aktar u aktar jekk il-kuntratt illi kien jirregola l-kustodja u l-access tal-minuri, kien wieħed ta' separazzjoni u z-zwieġ tal-kontendenti ġie dikjarat null u l-kontendenti huma mizzewġa lil terzi.

"3. Illi, similarment u għall-istess motivi, huma ukoll superfluwi u insostenibbli t-talbiet kollha l-oħra in kwantu jirrigwardaw il-varjazzjoni, bis-sentenza mitluba, tad-diversi dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni, jew li jirrigwardaw il-formalitajiet tal-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt.

"4. Illi t-talba illi l-konvenut jiġi eżonerat mill-obbligu illi jħallas il-manteniment, tiddependi naturalment mill-eżitu tat-talbiet ċentrali ta' din il-kawża dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri.

"5. Illi f'kull kaz, it-talba kif impostata ma twassalx għall-eżoneru tal-attur mill-obbligu tal-ħlas tal-manteniment.

"6. Salvi eċċezzjonijiet oħra."

Rat il-kontro-talba ġuramentata ta' Nicolette Mifsud, li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti illi, fl-interess suprem tat-tfal minuri, Francesca u Martina, ulied il-kontendenti, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja okkorrendo bl-opera ta' psikologa magħżula mill-Qorti, tenut kont tad-delikatezza tal-problema u l-propensita' tat-tfal illi joskuraw lil

ommhom u jipprotegu lil missierhom, filwaqt illi tikkonferma illi l-imsemmija tfal minuri ghandhom jibqghu fil-kura u l-kustodja ta' ommhom, tordna illi l-access tal-attur jigi ezercitat taht supervizjoni u modalitajiet ohra illi jigu imposti appozitament mill-istess Onorabbli Qorti u li t-tfal ma jkollhom ebda kuntatt iehor mal-attur missierhom hlief l-access hekk stabbilit;

Rat ir-risposta guramentata ta' Cedric Caruana ghall-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz taghha talab lil din il-Qorti tiddeciedi illi ghall-motivi minnu spjegati, it-talbiet tar-rikonvenzjonanti ma jisthoqqilhomx li jigu milqugha u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-risposta tal-istess kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti u ma kienux f'posizzjoni li jressqu risposta formali;

Rat il-verbali tal-kawza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtja fil-20 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha l-istess Qorti ddecidiet t-talbiet tal-attur billi:

i) laqghet l-ewwel talba ta' Cedric Caruana u ordnat li l-minuri Francesca u Martina Caruana jkunu fil-kuru u kustodja ta' missierhom;
ii) Il-minuri ghandhom imorru ghand ommhom darba fil-gimgha, b'mod alternattiv, is-Sibt jew il-Hadd mill-10.00am sal-4.00pm;

iii) Decizjonijiet straordinarji dwar sahha u edukazzjoni ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien;

iv) Il-passaporti tal-minuri ghandhom jinzammu mill-missier, b'dan illi jekk il-minuri jkunu ser isiefru, il-missier ghandu jikseb il-kunsens tal-omm. Jekk l-omm tkun trid issiefer l-ulied maghha, trid tikseb il-kunsens tal-missier;

v) L-omm ghandha tghaddi lill-missier, ghall-minuri, is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat. Spejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom;

vi) Klawzola 13 tal-kuntrat datat 12 ta' Dicembru 2002 qeghdha tithassar b'din is-sentenza. Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet (6), (7) u (8) fir-rikors promotur stante li huma superfluwi;

vii) Il-Qorti tordna wkoll illi l-partijiet u l-minuri ghandhom jattendu ghal ghoxrin (20) sessjoni mal-psikoterapista Joyce Sciberras li qed tigi nominata minn issa ghal dan l-iskop u dan bil-ghan li tigi ristabbilita` r-relazzjoni tal-ulied mal-omm. Il-hlas ta' dawn is-sessjonijiet huma a karigu tal-partijiet fi kwoti ugwali;

viii) Kull parti fil-kawza thallas l-ispejjez taghha illi bl-istess sentenza l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet cahdet il-kontro talba tal-konvenuta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li permezz tieghu hija talbet illi:

"… … … din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha inkwantu ordnat illi d-decizjonijiet straordinarji dwar sahha u edukazzjoni ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien u inkwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet (6), (7) u (8) fir-rikors promotur stante li huma superfluwi, tirrevoka laqghet l-ewwel talba ta' Cedric Caruana u ordnat li l-minuri Francesca u Martina Caruana jkunu fil-kura u kustodja ta' missierhom; ordnat illi l-minuri ghandhom imorru ghand ommhom darba fil-gimgha, b'mod alternattiv, is-Sibt jew il-Hadd mill-10.00am sal-4.00pm; inkwantu ordnat illi l-passaporti tal-minuri ghandhom jinzammu mill-missier, b'dana illi jekk il-minuri jkunu ser isiefru, il-missier ghandu jikseb il-kunsens tal-omm u li jekk l-omm tkun trid issiefer l-ulied maghha, trid tikseb il-kunsens tal-missier; inkwantu ordnat illi l-omm ghandha tghaddi lill-missier, ghall-minuri, is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' gimghat u l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom; inkwantu ordnat illi l-Klazola 13 tal-kuntratt datat 12 ta' Dicembru 2002 qeghdha tithassar b'din is-sentenza u inkwantu ordnat illi l-partijiet u l-minuri ghandhom jattendu ghal ghoxrin (20) sessjoni mal-psikoterapista Joyce Sciberras li qed tigi nominata minn issa ghal dan l-iskop u dan bil-ghan li tigi ristabbilita r-relazzjoni tal-ulied mal-omm – il-hlas ta' dawn is-sessjonijiet huma a karigu tal-partijiet fi kwoti ugwali, inkwantu wkoll illi cahdet il-kontro talba tal-appellanti u inkwantu ordnat illi kull parti fil-kawza thallas l-ispejjez taghha u minflok tichad it-talbiet tal-appellant attur, salv ghat-talbiet (6), (7) u (8) fir-rikors promotur illi taghhom l-istess Onorabbli asteniet milli tiehu konjizzjoni u tilqa' l-kontro-talba maghmula mill-konvenuta appellanti u ghalhekk tordna illi l-kura u l-kustodja tal-imsemmija tfal minuri tibqa' fdata lill-appellanti ommhom, bl-ispejjez kontra l-attur appellat."

Rat ir risposta tal-attur appellat li permezz taghha issottometta illi l-appell kellu jigi michud u s-sentenza konfermata;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"Ikkunsidrat illi t-tfal tal-partijiet f'din il-kawza ghandhom tlettax-il sena. Huma tewmin u twieldu qabel iz-zwieg tal-genituri taghhom. Il-partijiet sussegwentement izzewgu, pero' z-zwieg taghhom gie dikjarat null. Iz-zewg partijiet issa mizzewgin lil terzi u ghandhom l-ulied. Is-sitwazzjoni tat-tewmin giet regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni sussegwentement emendat kemm b'kuntratt kif ukoll b'kawza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta. Xi zmien ilu rega' beda d-dizgwid li wassal ghall-kawza odjerna.

"Din il-Qorti tibda biex tiddikjara illi n-natura ta' din il-kawza, aktar milli apprezzament tad-dritt vigenti tirrikjedi mill-Qorti valutar akkurat tal-hafna

> xhieda prodotta u dan bil-ghan illi kull decizjoni li tittiehed ikollha bhala fini ahhari taghha l-interess suprem tal-minuri. Xehdu f'din il-kawza familjari tal-partijiet, ghalliema, tobba kuranti. Gew ipprezentati ukoll kopji ta' rapporti ta' psikologi u haddiema socjali, flimkien ma recordings elettronici li juru l-imgieba tal-istess minuri.
>
> "Il-Qorti qieset il-provi kollha b'reqqa kbira.
>
> "Il-Qorti semghet ukoll lill-minuri nnifishom diversi drabi, kemm f'dawn il-proceduri, kif ukoll fil-proceduri ta' medjazzjoni li pprecedew.
>
> "Madanakollu, il-Qorti hi tal-fehma li l-minuri ghandhom ikunu fil-kura u kustodja ta' missierhom kif ordnat li jkunu din il-Qorti stess pendente lite."

Rat ir-rapport tal-esperti psikologi Bernard Caruana, Clarissa Sammut Scerri u Mariella Dimech u semghet lill istess esperti fis-seduta tal-19 ta' Novembru 2013;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

Illi l-appellanti korrettement indikat l-aggravji taghha 'seriatim' fir-rikors tal-appell u allura l-Qorti se tittratta dawn l-aggravji taghha bl-istess manjiera;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTA**

**L-ewwel aggravju** tal-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti marret 'ultra petita' meta ordnat il-hlas tal-manteniment ghat-tfal da parti taghha lill appellat

u dan ghaliex ma jirrizultax mill-atti li saret xi talba mill-attur f'dan ir-rigward. Il-Qorti m'hijiex se tissofferma fuq dan l-aggravju ghaliex huwa evidenti illi l-hlas tal-manteniment ghall-minuri jiddependi ghal kollox fuq id-decizjoni dwar il-kura u kustodja tal-istess minuri u minhabba f'dak li se jinghad aktar il'quddiem, ezami approfondit ta' dan l-aggravju jirrizulta irrilevanti.

**It-tieni aggravju** skont ir-rikors huwa li: *s-sentenza appellata ma fihiex motivazzjoni kif trid il-ligi u kif mghallem fil-gurisprudenza.* L-appellanti tkompli tghid li l-unika motivazzjoni li tat il-Qorti kienet li qalet: *Il-Qorti hija tal-fehma li l-minuri ghandhom ikunu fil-kura u kustodja ta' missierhom kif ordnat li jkunu minn din il-Qorti stess pendente lite.*

Ghalkemm forsi normalment wiehed jistenna aktar approfondiment biex il-Qorti tispjega l-motivazzjoni taghha ghaliex tasal biex taghti s-sentenza taghha, fl-istess hin difficli li wiehed jaghti motivazzjoni ghal decizjoni simili. Oltre dan pero` l-appellanti fil-waqt li ssostni dan, ma hijiex qed titlob dikjarazzjoni tan-nullita` tas-sentenza <u>fil-parti fejn hija taghmel it-talbiet taghha</u> u allura l-aggravju ghandu aktar sens ta' lanjanza dwar id-decizjoni nnifisha u kwindi dwar dan il-Qorti se tikkumenta meta tezamina appuntu l-aggravju principali u cioe` dwar min ghandu jkollu l-kura u kustodja tal-minuri.

**It-tielet aggravju** tal-appellanti kif inghad huwa l-aktar wiehed ta' sustanza ghaliex jirrigwardja appuntu l-mertu tad-decizjoni tal-Qorti tal-familja li tassenja

l-kura u kustodja tal-minuri lill-appellat. Anke hawn l-appellanti preliminarjament tghid li din id-decizjoni hija *ultra petita*. Madankollu l-Qorti tfakkar li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu **149** tal-Kodici Civili li jaghti poter lill-Qorti taghmel kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Ma hemmx ghalfejn jinghad li dawn it-tip ta' kawzi huma ta' delikatezza estrema u wiehed ma jistax ma jikkummentax negattivament fuq genituri li ma jaslux ghal ftehim ghall-gid ta' wliedhom li jkunu qed jibghatulhom sinjali tad-dwejjaq taghhom fis-sitwazzjoni li jkunu jinsabu fiha u dawn is-sinjali jibqghu mhux imwiegba. Zgur ma kienx ta' gid ghall-minuri li vertenza bhal din baqghet ghaddejja ghal erba' snin li kienu importanti fl-izvilupp tal-minuri illi issa ghandhom circa hmistax-il sena. Dan imbaghad addirittura tnax-il sena wara li huma isseparaw legalment.

Bhala stat ta' fatt illum it tfal li huma tewmin qed jghixu separatament ghand il-genituri taghhom, wahda ghand kull genitur u jidher li dan iddecidewh huma stess. Fil-fatt l-esperti waslu ghall-konkluzjoni li jkun ahjar li dan l-istat ta' fatt jibqa' kif inhu u l-Qorti taqbel maghhom anzi jidhrilha li jkun hazin ghall-minuri jekk hija tiddisturba d-decizjoni taghhom una volta din id decizjoni giet konfermata mill-esperti bhala l-ahjar wahda fic-cirkostanzi.

Infatti skont il-psikologu nominat minn din il-Qorti Bernard Caruana ***din il-Qorti bis-sentenza taghha ma tridx tirrinforza l-attegjament u l-imgieba***

***tal-ġenituri tagħhom illi ma jistgħux jaqblu bejniethom u l-ħin kollu jidhru l-Qorti jakkużaw lil xulxin sabiex ikun hemm it-tibdil fl-arranġament tal-kura u kustodja ta' wliedhom*** u li fid-deċiżjoni tagħha ***l-Qorti għandha tagħti piż lil dak li jixtieqū t-tfal*** (fol. 72).

Il-psikologi li qed isegwu t-tfal irrakkomandaw infatti li Francesca għandha tibqa' tgħix ma' ommha u l-familja kollha fil-waqt li jkollha kuntatt frekwenti ma' missierha, ma' oħtha Martina u oħtha l-oħra ż-żgħira (minn omm differenti) Jodie; fil-waqt li Martina għandha tibqa' tgħix ma' missierha u jkollha kuntati ma' ommha u ħutha . Il-Qorti se tadotta dan is suġġeriment fis-sentenza tagħha. MInħabba f'hekk ma hemmx lok ta' ħlas ta' manteniment billi kull parti se jkollha l-kura u kustodja ta' waħda mit-tfal. Kwantu għall-access il-Qorti jidhrilha li t-tfal huma kbar bizzejjed biex jifteħmu huma mal-ġenituri tagħhom fir-rigward u jkun kontro producenti li jiġu ordnati ħinjiiet fissi – fuq hekk anke l-esperti kkummentaw bl-istess mod.

**DEĊIŻJONI**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqgħu parzjalment billi tibdel is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2011 u dan billi:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Francesca tiġi assenjata lill-konvenuta appellanti fil-waqt li l-kura u kustodja tal-minuri Martina tiġi assenjata lill-attur appellat;

2. Ikun hemm access liberu tal-parti li m'ghandhiex kustodja tal-minuri in kwistjoni bi ftehim mal-istess minuri; l-minuri ghandhom jibqghu jigu segwiti mill-psikologi rispettivi taghhom sakemm jaghlqu sittax-il sena.

3. Tikkonferma li decizjonijiet straordinarji dwar sahha u edukazzjoni tal-minuri jittiehdu mill-partijiet flimkien;

4. Il-passaporti tat-tfal jinzammu mill-genitur illi ghandu jew ghandha l-kura u kustodja taghha izda dejjem irid ikun hemm il-kunsens tal-partijiet it-tnejn biex it-tfal isiefru;

5. Ma ghandu jkun hemm ebda hlas ta' manteniment bejn il-partijiet minhabba f'dak li gie deciz.

6. Il-klawsoli tal-kuntratt ta' separazzjoni li ma jaqblux ma' dak gia` deciz qed jigu mhassra b'din is-sentenza;

Ghal kull buon fini il-Qorti tirrevoka wkoll is-sentenza appellata fejn ma taqbilx ma' dak li ssemma' u tikkonfermaha fejn hi konsistenti ma' dak li gia` inghad fid-decizjoni prezenti.

L-ispejjez tal-kawza komprizi tal-appell ghandhom jithallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------